**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 461/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Hubert Cini)**

**-Vs-**

**CARMEL CARDONA**

**Illum, 3 ta' Dicembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **CARMEL CARDONA** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 290966M, tressaq quddiemha akkuzat talli nhar is-27 ta' Lulju 2019 ghall-habta ta' bejn 19:25hrs u 19:40 hrs gewwa 26, Truq 9 ta' April, Hal Luqa:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' martu Catherine Cardona, griehi ta' natura hfief, jew gabilha disordni f'mohhha kif iccertifikat minn Dr. David Grech (Reg. No: 3585) mic-Centru tas-Sahha, Paola;

2. u aktar talli fl-istess dat, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-persuna ta' Catherine Cardona sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara, kemm il-darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Catherine Cardona u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Arikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Catherine Cardona ai termini tal-Artikolu 383 *et seq.* tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Lulju 2019, l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-akkuza bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat, li wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti, inkluz l-istqarrija tal-imputat kif ukoll l-evalwazzjoni mhejjija mid-Domestic Violence Unit fuq ir-rapport li sar lill-Pulizija mill-parti offiza Catherine Cardona;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;
Ikkunsidrat;

Illi dan huwa kaz ta' vjolenza domestika. L-imputazzjonijiet jinsabu imsejsa fuq incident wiehed li allegatament sehh waqt tilwima li kien hemm bejn l-imputat u martu Catherine Cardona li fiha l-imputat allegatament hebb ghall-istess martu u kkagunalha offizi ta' natura hafifa.

Catherine Cardona ghalkemm hija xhud kompetenti sabiex tixhed f'dawn il-proceduri fejn zewgha jinsab mixli b'reati allegatament kommessi fil-konfront taghha, u dan skont kif prospettat mill-Artikolu 635 tal-Kap. 9, ghandha l-jedd li taghzel li ma tixhidx meta tingieb bhala xhud u effettivament, meta giet prodotta bhala xhud tal-Prosekuzzjoni fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2019, hija ghazlet li ma tixhidx kontra zewgha. Dan m'ghandux ifisser necessarjament li hija nieqsa prova sufficjenti tal-fatti li fuqhom huma bazati l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat. Izda, billi f'dan il-kaz il-Qorti ma semghetx ix-xhieda tal-parti offiza u lanqas tax-xhieda okulari li kienu prezenti waqt dan l-incident, ma ghandhiex quddiemha evidenza testimonjali diretta b'rakkont dirett tal-fatti kif sehhew, liema testimonjanza setghet torbot l-allegat agir tal-imputat mal-griehi li allegatament soffriet il-parti offiza. Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz din ix-xhieda kienet necessarja wkoll sabiex jigu kjarifikati l-kontradizzjonijiet li jidher li hemm fil-verzjoni moghti minn Catherine Cardona lill-Pulizija u l-verzjoni taghha moghtija ghall-finijiet tar-*risk assessment* esebit in atti.

Effettivament, il-Qorti tosserva illi filwaqt illi fil-verzjoni ta' Catherine Cardona kif rapportata fl-okkorrenza, gie allegat illi l-imputat taha daqqa ta' ponn kif ukoll daqqa ta' grada, fil-verzjoni li hija tat lis-*social workers* ghall-fini tal-evalwazzjoni tar-riskju li tinsab fiha minhabba allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika, ma semmiet l-ebda daqqa ta' ponn. Di pju`, ghalkemm Dr. David Grech li kien ezamina lil Catherine Cardona ghall-griehi allegatament sofferti minnha, liema xhud irrilaxxa c-certifikat mediku datat 27 ta' Lulju 2019[1], xehed

[1] Dok. HC3 a fol. 8.

illi huwa kkostata nefha fil-minkeb tal-lemin taghha, Catherine Cardona mkien fil-verzjoni taghha kif jirrizulta fl-okkorrenza u lanqas fil-verzjoni minnha moghtija ghall-finijiet tar-*risk assessment*, ma semmiet li laqtet jew wegghet minkibha. Irrapportat biss illi l-imputat qala' l-grada li hemm fil-kcina u taha daqqa biha, u hi hasset li laqtet spallitha. Inoltre, ghalkemm dan l-ugigh li hija lmentat bih fi spallitha gie rapportat fic-certifikat mediku esebit fl-atti u msemmi wkoll fix-xhieda tat-Tabib Dr. David Grech, il-Qorti ma semghet lil ebda xhud iehor jixhed quddiemha dwar il-fatti rapportati, la lill-Ufficjal investigattiv jew l-ufficjal li rcieva r-rapport, u lanqas is-*social workers* illi hejjew ir-*risk assessment report*.

Kif gia` nghad, lanqas gew imressqin xi xiehda okulari ohrajn mill-Prosekuzzjoni sabiex jixhdu in sostenn tal-imputazzjonijiet, u dan minkejja l-fatt illi huwa evidenti mir-rapport tal-Pulizija illi bint il-partijiet, Charlene Cardona kienet prezenti waqt l-allegat incident. L-unika xhud illi effettivament xehed quddiem il-Qorti kien it-Tabib Dr. David Grech biex jikkonferma l-griehi li huwa kkostata meta ezamina lil Catherine Cardona.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u lanqas ressaq xi provi ohrajn in difesa. Izda fl-atti giet esebita l-istqarrija li l-istess imputat irrilaxxa waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija fit-28 ta' Lulju 2019[2]. Jirrizulta illi l-imputat inghata d-drittijiet kollha lilu koncessi mil-ligi bhala persuna suspettata fil-kommissjoni ta' reat kriminali u rrinunzja ghad-dritt illi jikkonsulta ma' avukat kif ukoll li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 355AT *et seq.* tal-Kap. 9. Ghaldaqstamt il-Qorti tqis illi l-istqarrija tieghu in atti tikkostitwixxi prova ammissibbli u sejra tiehu konjizzjoni taghha ghall-finijiet tad-determinazzjoni li trid taghmel sabiex tasal

[2] Dok. HC5, fol. 10.

ghal konkluzjoni dwar il-htija o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet addebitati lilu.

Il-Qorti tosserva illi l-imputat ghalkemm jistqarr illi effettivament kien sehh incident bejnu u bejn martu Catherine Cardona fis-27 ta' Lulju 2019 dwar flus, jichad illi huwa ta xi daqqiet bil-ponn lil martu u jallega illi kienet martu stess li pprovokatu billi waqt li kien bil-qieghda ghamlitlu l-ponn go wiccu u laqtitu fuq ghajnu. L-imputat stqarr illi f'dak l-istadju huwa qam u jista' jkun li imbotta lil martu izda ma jafx li weggaghha. Qal ukoll li kien hemm grada u qaccatha.

Minn dan il-Qorti fehmet illi l-imputat, konfrontat bil-verzjoni ta' martu, ma ammettiex illi huwa imbotta lil martu bil-grada u lanqas li taha daqqa ta' ponn, u ghalkemm jistqarr li jista' jkun li huwa imbottaha, ma ammettiex lanqas illi huwa weggaghha.

Il-Qorti mhijiex sejra tqis il-verzjoni mehuda mill-imputat kif rapportat fl-okkorrenza esebita a fol. 23 tal-atti, u dan ghaliex ma jirrizultax la mill-istess okkorrenza u lanqas minn xi xhieda ohra, illi huwa nghata t-twissija skont il-ligi dwar id-dritt ta' silenzju u d-dritt tal-assistenza legali u drittijiet ohrajn lilu spettanti bhala persuna suspettata li wettqet reat kriminali. Kif ritenut fir-rigward mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2015[3]:-

"*... l-Qorti lanqas tista' taghti piz lil tali dikjarazzjoni meta ma hemmx indikat illi l-persuna li f'dak il-mument kellha titqies bhala l-persuna suspettata kienet giet moghtija id-debita twissija skont il-ligi. Kwindi kwalunkwe dikjarazzjoni li Azzopardi seta' ghamel meta gie mitkellem ser tigi ghal dawn il-motivi skartata.*"

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi fin-nuqqas tax-xhieda tal-vittma jew ta' xiehda okulari ohra, ma hemmx bizzejjed provi f'dan il-kaz sabiex jikkonvincuha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-griehi li soffriet Catherine Cardona, liema offizi ccertifikahom u xehed dwarhom Dr. David Grech, gew ikkagunati mill-

[3] **Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi et**.

imputat anke ghaliex l-istess imputat ma ammettiex li huwa imbotta lil martu bil-grada jew li taha daqqa ta' ponn kif allegat u lanqas li weggaghha. Il-fatt wahdu illi l-imputat stqarr waqt l-interrogazzjoni li "*jista' jkun*" imbuttaha, ma jistax iwassal, fil-fehma tal-Qorti ghal dikjarazzjoni ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Izda mhux l-istess jista' jinghad kwantu ghat-tieni imputazzjoni, li hija ta' natura kontravvenzjonali. Wara li regghet rat l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat, bl-ammissjoni tieghu illi huwa kien possibbilment imbotta lil martu u li kien "*qaccat*" il-grada waqt l-argument li sehh bejniethom fis-27 ta' Lulju 2019, hebb ghal martu bil-hsieb li jaghmlilha l-hsara, liema agir jinkwadra perfettament fir-reat prospettat fl-Artikolu 339(d) tal-Kap. 9. Fl-istess waqt izda, il-Qorti fehmet mill-istqarrija tal-imputat illi dan l-agir tieghu seta' kien b'rejazzjoni ghall-provokazzjoni ta' martu illi skont l-istess imputat, dak il-hin tatu daqqa ta' ponn go wiccu. Il-Qorti, anke billi jidher li l-parti leza stess irrapportat li kissritlu l-mobile, qaltlu l-kliem "*bhalissa nifqak ghandi aptit*" u bdiet taghmillu idejha ma' wiccu, sejra taghti piz lil din il-verzjoni tal-imputat meta tigi biex teroga l-piena.

Fl-isfond ta' dan kollu, il-Qorti m'hjiex qed issib htija fl-imputat ghall-ewwel imputazzjoni, izda qed issib htija biss kwantu ghat-tieni imputazzjoni, u dan fic-cirkostanzi appena konsidrati. B'zieda ma' dan, in vista tal-fatt illi jirrizulta mill-evalwazzjoni tar-riskju li saret fil-konfront tal-parti leza, illi hija tinsab f'riskju ta' grad gholi minhabba l-agir tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha f'kull kaz tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Catherine Cardona, u ghaldaqstant, sejra tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputat.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti ma ssibx lill-imputat CARMEL CARDONA hati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha, izda wara li rat l-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda ssib lill-istess imputat CARMEL CARDONA hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ammenda ta' hamsin Euro (€50) u billi tqis li huwa xieraq sabiex thares il-persuna u tipprovdi ghas-sigurta` ta' Catherine Cardona, b'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda torbot lill-hati, b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf Euro (€1,000) sabiex ma jaghmilx hsara, ma jheddidx u ma jimmolestax lill-istess Catherine Cardona u dan ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**